MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 120/2014

**Fl-atti ta' mandat ta' sekwestru Nru 575/14 fl-ismijiet:**

**George Giordmaina**

**vs**

**Daniel Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn Daniel Mizzi fis-7 ta' April 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn ippremetta:

1. *"Illi l-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), George Giordmaina (aktar il quddiem "l-ezekutant") ressaq mandat ta' sekwestru kontra Daniel Mizzi (aktar 'il quddiem "l-ezekutat") quddiem din l-Onorabbli Qorti;*
2. *Illi fit-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) din l-Onorabbli Qorti ghogobha tawtorizza l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi;*
3. *Illi l-ezekutat qieghed javalla ruhu mill-procedura kontemplata fl-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Procedura Civili biex jithassar in toto l-mandat ta' sekwestru de quo, u dan ghall-motivi li ser jigu espressi;*
4. *Illi ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghall-mandat ta' sekwestru permezz ta' l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jghid:*
   *'jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli'*

5. *Illi mhux minnu illi l-ezekutat ghandu jaghti s-somma ta' €2,000 (elfejn ewro) minhabba danni kkagunati fuq vettura numru CBH-275 ghar-raguni li l-vettura bin-numru CBH-275 kienet inbieghet lill-ezekutat ghal-prezz ta' €4,460 (erbgha t'elef erbgha mija u sittin) li kienet qeghda tithallas permezz ta' pagamenti ta' €100 (mitt ewro) fix-xahar u ghalhekk kienet fil-pussess ta' l-ezekutat;*
6. *Illi billi kien ghad baqa' pagamenti pendenti t-transfer tal-logbook tal-vettura ma kienx sar billi l-ammont ta' €1,800 (elf u tmien mija) sabiex tithallas kompletament il-vettura li kienet ilha fil-pussess tal-ezekutat ghal dawn l-ahhar sentejn;*

7. *Illi ghal ebda raguni valida fil-ligi l-ezekutant mar qabad u permezz ta' towing ha fil-pussess tieghu l-vettura minn fejn kien ihalliha l-ezekutat, liema vettura ma kien fiha ebda danni;*
8. *Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak sovra dedott, il-prezenti talba ghar-revoka ghandha tigi akkolta u dana stante li ai termini tal-**paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1)** tal-Kodici ta' Procedura Civili l-mandat ta' sekwestru m'ghadux aktar fis-sehh.*

*Skond il-gurisprudenza taghna, il-htigiet li l-ligi procedurali titlob sabiex persuna tista' tohrog mandat huma li (i) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinhareg il-mandat; (ii) li ssir kawza li fiha tigi mistharrga sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (iii) li l-mandat irid ikun ihares ir-rekwiziti mitluba mil-ligi dwar il-hrug tieghu; u (iv) li tali mandat jinhareg u jigi esegwit taht ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu (**Desmond Stanley Stewart vs. Therese Mangion Galea**, Prim'Awla, 29 ta' Lulju, 2005);*

9. *Illi skond l-ezekutat, il-prezenti att kawtelatorju hu mankanti stante li l-ezekutant m'ghandu ebda drittijiet x'jissalvagwardja u l-pretensjoni ta' l-ezekutant huma frivoli u vessatorji li qed jikkawzaw danni lill-istess ezekutat.*
10. *Illi, wkoll fid-dawl ta' dak sovra espost u minghajr pregudizzju ghal hames paragrafi li jigu qabel dan, il-prezenti talba ghandha tigi akkolta ai termini tal-**paragrafu (f) ta' l-Artikolu 836(1)** tal-Kodici ta' Procedura Civili galadarba jirrizulta bl-aktar mod car li fic-cirkostanzi de quo mhux ragonevoli li dan il-mandat jinzamm fis-sehh l'ghaliex mhuwiex gustifikat;*
11. *Illi skond l-Artikolu 1009 tal-Kodici ta' Procedura Civili, sfortunatament ta' spiss minsi, jippreskrivi li, "Kull uzu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici m'ghandux ikollhom effett";*
12. *Illi kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li*

*ghandha tigi osservata u segwita (**Pace Associates Ltd vs. Drawing Techniques Ltd**, Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005; ara wkoll **Michele Parnis vs. Carmelo Caruana noe**, Appell Superjuri, 23 ta' Gunju, 1952; u **Markiz Anthony Cassar Desain et vs Giovanni Pace noe**, Appell Superjuri, 15 ta' Ottubru, 1965);*

*GHALDAQSTANT, ir-rikorrenti qieghed jressaq dan ir-rikors u jqanqal dawn is-sottomissjonijiet kontra il-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 575/2014 u fl-ismijiet supra premessi u ggibhom a konjizzjoni ta' din il-Qorti w umilment titlob lill-istess Qorti jogghobha ghar-ragunijiet moghtija u ghal dawk li jafu jinsorgu fit-trattazzjoni tal-prezenti mandat:*

*(i) Tirrevoka u thassar ghal kollox dan il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet 'George Giordmaina vs Daniel Mizzi' bin-numru 575/2014 datat l-11 ta' Marzu, 2014 u akkordat fit-13 ta' Marzu, 2014;*

*(ii) Tordna lil George Giordmaina sabiex a spejjez tieghu jaghmlu dak kollu necessarju sabiex il-mandat ta' sekwestru imsemmi jitnehha u jithassar kompletament; u*

*(iii) Timponi dik il-penali li din l-Onorabbli Qorti thoss xierqa fic-cirkostanzi, bi kwalsiasi spejjez tal-prezenti a karigu ta' George Giordmaina li hareg il-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi."*

Rat ir-risposta ta' George Giordemaina li gietipprezentata fit-2 ta' Mejju, 2014 fejn eccepixxa:

*"Illi dina l-umli risposta qed issir ghat-talba ta' Daniel Mizzi kif kontenuta fir-rikors tieghu tas-7 ta' April 2014 u wara li hekk l-esponenti gie awtorizzat bid-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 9 ta' April 2014;*

*Illi bid-dovut rispett ma jezistux l-elementi 'l ghaliex it-talbiet kif kontenuti fl-imsemmi rikors jigu akkolti u milqugha. Illi l-esponenti kellu l-vettura in kwistjoni li kienet fil-pussess tar-rikorrenti Mizzi. Illi tul iz-zmien li dina ghamlet ghandu, l-imsemmi Mizzi litteralment farrak dina l-vettura b'mod li l-esponenti inkorra d-danni li huwa qed jitlob fil-proceduri li gew istitwiti quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar;*

*Illi dana biex wiehed ma' jsemmix il-multi kbar ta' kontravenzjonijiet li l-esponenti kellu wkoll ihallas minhabba l-'herba' li ghamel l-imsemmi Mizzi meta kien qed juza dina l-vettura;*

*Illi inizjalment l-esponenti baghat ittra legali liema ittra anqas biss giet imwiegba. Illi sussegwentement giet mibghuta ittra bil-procedura tal-art 166A, liema ittra giet kkontestata. Illi peress li l-esponenti jaf u huwa okkorran dwar x'tip huwa Mizzi, apparti li ntavola t-talba huwa talab ukoll il-hrug tal-mandat fl-ismijiet hawn fuq premessi, mandat li nhareg kif jinhareg kull mandat iehor u fl-istess cirkostanzi li certament kif inghad ma jimmeritax li jigi revokat u wisq anqas, li l-esponenti ghandu jigbor il-flus, jispicca hu johrog il-penali li donnu qed jippretendi fir-rikors tieghu d-debitur;"*

Rat dak verbalizzat fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2014 u cioe' li jekk ir-rikorrenti ma jidhirx il-kawza se tithalla ghas-sentenza in difett'ostakolo.

Rat illi fit-3 ta' Dicembru 2014 ir-rikorrent u l-Avukat tieghu regghu ma dehrux u konsegwentement in vista ta' dak li gie verbalizzat fis-26 ta' Novembru 2014, illum din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza.

Il-Qorti rat illi r-rikorrent ma pprezenta l-ebda provi in sostenn tar-rikors tieghu liema rikors lanqas m'huwa guramentat.

**Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat b'dan illi qieghda tichad it-talba rikorrenti, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------